*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

**Il-Ġimgħa 8 ta' Marzu 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

| | |
|---|---|
| **60.1** | ***<u>Qari t'aploġija:</u>***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli. |
| **60.2** | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 59 li saret Nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2024:</u>*** |
| **60.2.1** | ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>*** |
| **60.2.1.1** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagna 3 artiklu 59.2.2.5.1 il-paragrafu ta' qabel ta l-aħħar għandu jinbidel u jsir kif ġej:<br><br>*''Il-Kunsill qabel li din l-istruttura li jduru fiha t-tfal jekk tista tiġi irranġata billi jinbidlu il-bearings qabel ma tinbidel.''* |
| **60.2.1.2** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10 artiklu 59.7.2 fejn qal li trid tinbbidel il-kelma ħaxmet ghal kelma xaħmet. |
| **60.2.1.3** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 artiklu 59.3.4.1 fej qal illi għandha tinbiddel u issir kif ġej:<br><br>*''Il-Kunsill qabel sabiex ma napplikawx għal iskema SPI SCI 01 2024.''* |
| | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **60.2.2** | ***<u>Matters Arising tal- Laqgħa 59 li saret Nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2024:</u>*** |
| **60.2.2.1** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 59.2.2.8 u staqsa kif baqa l-Kunsill fuq it-talba tal-EPOS ġewwa l-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tiegħu hu staqsa fuq il-paġna tal-ANSEK biex jara kemm hemm Kunsilli li juzaw din is-sistema u jidher li aktar min 90% tal-Kunsilli Lokali m'għandhomx din is-sistema u dan għax il-Kunsill jiġbor il-flus mill-permessi li jidħlu fl-*account* tal-Kunsill pero hemm l-oħrajn tal-LESA u Lands li dawk nidepositawhom f'account ieħor u min hemm nibgħatuhom fl-account tad-Dipartiment rispettiv issa meta tħallas bil-kard ser ikun hemm charges, u għalhekk għandek zewġ affarijiet kontra li jekk aħna ser nibdew nirċievu flus ta ħaddieħor bil-kard irridu nittopjaw għaliex l-awtorijiet iridu jitħallsu l-ammont totali. Ic-charges huma differenti għal kull bank.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dik ic-charge jistax iħallas għaliha l-klijent għaliex fl-opinjoni tiegħu ikun hawn ħafna min jaċċetta li jħallas xi ħaġa zgħira aktar basta jinqeda bil-kard.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma tistgħax ticargja lill klijent.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu ndaħħlu l-EPOS fejn jidħlu l-permessi għaliex hemm nuzaw l-account taghna biss. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bis-sistema tal-LESA l-klijent jista jħallas ċitazzjoni min fuq il-website tagħhom permess tal-kard. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mhux kulħadd kapaċi jagħmila.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan iridu ikun hemm qbil mal-LESA u l-Lands għaliex tas-servizz li qed ngħatu nkunu qed nħallsu aħna.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jistax jemmen li f'dan iz-zmien li kulħadd juza l-kard għal kollox il-Gvern Lokali mhux kapaċi joħloq sistema biex ġewwa Kunsill Lokali tista tħallas bil-kard. |
| **60.2.2.2** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagna 7 artiklu 59.3.4.3 fejn hu qal li issuġerixxa li jibdew jinbidlu l-arbli tad-dawl dawk taz-Zonqor u waħda mir-rekwiziti hija li jridu jkunu proġetti li saru mill-Gvern min 2013 il-quddiem u għalhekk qed iħoss li ser naħlu l-ħin u l-proġett li l-Kunsill qed jipproponi sar bejn l-1996 u l-2000 iġifieri qedin il-bod ħafna. Għaldaqstant il-Kunsill m'għandux għalfejn japplika għal din l-iskema. |
| **60.2.2.3** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 59.3.6 fejn qal illi tkellem mas-Sur Joe Borg fejn infurmah illi ser iġibilna samples tal-fanali u min hemm niddeċiedu. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi bħala kwantita għandna bzonn 60 u talab lin-Nexos jipprezentaw kwotazzjoni pero jrid ukoll jara l-fanal imwaħħhal.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech staqsa jekk dan jistgħax jaqa taħt it-tender tar-Reġjun.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak it-tender huwa skadut. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jiċċekkja dwar dan. |
| **60.2.2.4** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10 artiklu 59.7.3 u qal li jidher li hemm progress.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm zball min naħa tiegħu li ser jiġi diskuss aktar tard fil-laqgħa tal-Kunsill pero jistgħa jsir proġett ieħor li jaqa taħt din l-iskema.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tista ssir laqgħa mall-bdiewa ta Marsaskala għaliex din l-iskema hija biex ikun hemm aċċess aħjar għal passaġġi u taħseb li hekk tkun qed tati ċans lil kulħadd u ngħinuhom japplikaw. Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon qalet li din jista japplika għaliha kull bidwi u tkopri it-toroq rurali kollha.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li triq ġdida fi Triq il-Blajjiet li tagħti għal San Anard hi mkissra kollha.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet jekk hemm potenzjal li jsiru aktar min passaġġ wieħed għaliex m'għaniex napplikaw għal aktar min waħda.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech staqsa lill Kunsillier il-Perit John Schembri illi jekk issir area ta' 20,000 mtrs2 biex tiġi scarified u jingħata konkos c20 kemm jaħseb li tiġi tiswa bejn wieħed u ieħor.<br><br>Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal illi bejn wieħed u ieħor €25 per mtr2.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bejn wiehed u ieħor passaġġ wieħed jiswina €60,000. Is-Segretarju Exekuttiv qal illi din trid tiġi ukoll approvata min TM.<br><br>Kien hemm qbil li jintgħazlu sa erba toroq sabiex napplikaw għal din l-iskema. |
| **60.2.2.5** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 11 artiklu 59.8.2 rigward il-pagament tal-BAVA għaliex hu kien ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv li hemm ilma fuq il-bejt tal-Kunsill li qed izomm u xtaq li nkellmu lill Perit li ħadem fuq il-binja tal-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellem lill Perit u min naħa tiegħu staqsa jekk l-ilma hux qed jidħol ġewwa.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jidirx li dieħel.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jista jkun qed jinxtorob bix-xemx.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm xi jsir fuq il-membrane biex ma jibqax izomm.<br><br>Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal illi jista jgħamel materjal fuq il-membrane li hemm.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm fl-erba kantunieri u l-għar tnejn huma fuq l-uffiċju tas-Segretarju u tas-Sindku.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi s-sistema l-oħra hi li tgħolli parti mill-bejt biex l-ilma jinzel għal ġot-toqba.<br><br>Kien hemm qbil li nkellmu l-Perit tal-Kunsill. |
| **60.2.2.6** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 59.2.2.1 fejn qal illi r-resident inkwistjoni għadu ma kellmux lura. |
| **60.2.2.7** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 59.2.2.5.1 fejn qal illi qed nistnnew il-permess joħrog fir-rigward tal-bdil tal-playing field equipment f'San Tumas bil-fondi tal-LESA.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għalkemm il-Kunsill *għamel change of architect* pero qed jistenna l-permess min naħa tal-BCA sabiex joħroġ. |
| **60.2.2.8** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 4 artiklu 59.2.2.6.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi quddiem il-Kunsill hemm tank u għandu tappiera tal-plastik u dan it-tank ingħalaq u l-ħamrija għatnitu pero din mhux kwistjoni kbira , pero biex issir *irrIgation* għal pjanti madwar il-funtana kien hemm qbil li jsiru zewġ sistemi waħda min nofs il-ġnien l-hawn u l-oħra wara l-banka tal-lotto u wara it-tiffany's u trid tinqala l-art biex isir dan, qed nistennew biss kwotazzjoni ta' kemm tiġi tiswa. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal irridu noqgħodu attenti fuq ix-xogħol li jsir għax jekk ma jsirx xogħol tajjeb jispiċċaw jinqatgħu l-pipijiet u l-Kunsill jispiċċa bla dawl.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ser jiġi iffinanzjat mill-GAL XLOKK allura kull ma hemm bzonn huwa li niġbru tlett kwotazzjonijiet.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fl-aħħar laqgħa hu kien informa lill Kunsill illi l-kumpanija Nestle kienet ser tiffinanzja apparat ġdid fil-Ġnien David Vella pero jidher li meta ordnaw l-apparat min barra, il-prezz tat-trasport tela b'ħafna allura ħadu pass lura minn dan il-proġett.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Josef Grech qal illi missna naqbdu iz-zewġ soft areas li hemm vojta u għalhekk iġibu apparat izgħar u t-trasport jiġi irħas.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi alissa tajjeb nħallu l-pjan kif kien u naraw x'jiġri. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jistgħu ukoll jinbidlu playing structures fi Pjazza Mifsud Bonnici u jkunu jistgħu jifinanzjaw lilhom għaliex hemmhekk ikunu qed jieħdu l-akbar prominenza.<br><br>Kien hemm qbil li s-Sindku s-Sur Mario Calleja jerġgħa jitkellem mall-kumpanija Nestle. |
| **60.2.2.9** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 59.2.2.6 u qal illi fadal l-aħħar ftit xogħol fuq il-parkeġġ ta' quddiem is-Summer nights u naraw jekk tkunx ħadmet la darba jitla l-ilma.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fadal xi xogħol fuq il-culvert ta' Triq Sant Anna li ser jitlesta fil-ġranet li ġejjien kif ukoll informa lill Kunsill illi x-xogħol fuq il-funtana ta' quddiem il-Kunsill tlesta ukoll. |
| **60.2.2.10** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa fuq paġna 4 artiklu 59.2.2.9 jekk kienx hemm xi zvilupp fuq l-ingaġġ ta' Contracts Manager.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi miexi fuq din is-sejħa. |
| **60.2.2.11** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 59.2.2.10 qal illi kien hemm problema fil-kazin tal-banda u hu tkellem magħhom u dawn il-pitturi ser isiru fuq ħajt tagħhom fis-sala bħala parti mill wirja.  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-wirja ser tibda tintwera mill-20 ta' Marzu 2024 fit-8:00pm. |
| **60.2.2.12** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellmuh il-ħanut St Catherine kif ukoll it-Trigon fejn saqsew għal un/loading bay faċċata fejn hemm il-bollards tal-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezkuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm ċans kbir li TM mhumiex ser jaċċettaw.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn ser jistaqsu għaliha ma TM pero min naħa tal-Kunsill nistgħu ngħidulhom li ma nsibux oġġezzjoni.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi allura tajjeb niddiskutu la darba din tiġi aċċettata u ngħidu illi wara l-ħinijiet tal-un/loading il-Kunsill jixtieq iħalliha tajba għal parkeġġ jew le pero l-ewwel irid ikolna il-go ahead min naħa tat-TM.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi ma jaħsibx li ser tkun ġusta fuq in-nies li ma nħaluhomx jipparkjaw la darba bħalissa dan huwa parkeġġ li jintuza min nies. |
| **60.2.2.13** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 59.2.2.15 fejn qal illi l-contracts manager attenda għal kawza li kien hemm il-qorti fuq il-kwistjoni tal-bejjiegħa tal-ħut u jidher li dan il-persuna ġie mħarrek.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien tkellem sabiex isiru tabelli li jindikaw biex ma jiġix zgumbrat il-moll mill-baħar u l-koperattiva tabelli u sinjali għandhom din it-tabella u ser jibgħat template lill Kunsillier is-Sur John B Camilleri.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fi Ġnien Charles Clews hemm bzonn issir tabella li tindika l-isem tal-ġnien għaliex ma hemmx. |

| | |
|---|---|
| **60.2.2.14** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 7 artiklu 59.3.3 u qal illi s-Segretarju Ezekuttiv informa lil Enemalta fuq din il-kwistjoni pero għad ma bgħatux risposta. |
| **60.2.2.15** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 7 artiklu 59.3.13 u qal illi waħda mill-inizjattivi li ħadu min naħa tan-nursing kienet dik li ġew quddiem il-Kunsill sabiex jieħdu testijiet lil kull min xtaq taz-zokkor u tal-pressjoni. |
| **60.2.2.16** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 8 artiklu 59.3.14 fejn qal illi s-Sindku kellem is-Sur Zahra li huwa l-PA tal-Ministru Omar Farrugia u nfurmah illi kemm il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Diviza Kostali kif ukoll ta Triq il-Friefet ħdejn is-sub station ser isiru fil-bidu ta' Mejju min naħa tad-Diviżjoni tax-xogħolijiet. |
| **60.2.2.17** | Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 8 artiklu 59.3.8 fejn qalet li l-Perit ser jgħamel survey pero hemm affarijit minuri li jistaw isiru. Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet ukoll li ser issir survey ukoll fuq id-dog friendly beach fil-Bajja San Tumas biex naraw kif nistgħu ngħamluha aktar aċċessibli u jekk naqblu mas-survey nkellmu lil Public works biex jgħatu l-għajnuna tagħhom. |
| **60.2.2.18** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa għaliex il-kontainer tal-BAVA għadu ħdejn il-Kunsill u ma tressaqx.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu infurma lill-Kuntrattur u qallu li ser iresqu pero għadu ma ġiex.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi waħda mir-rekwiziti tat-tender hi li jekk ikun fadallu xogħol x'jgħamel hemm bzonn li jkollu uffiċċju.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi x-xogħol li fadal hu fuq barra tal-lift għaliex jidher li l-lift kien ser jibda jsir pero kien hemm xi appelli fuq it-tender u għalhekk it-tender reġgħet ħarġet u ma jafx f'liema stadju waslet.<br><br>Il-Kunsill qabel li nibgħatu nistaqsu lill Kumpanija BAVA meta jaħsbu li x-xogħol fuq il-lift tal-għassa ser jitlesta sabiex ikunu jistgħu jeliminaw il-kontainer min ħdejn il-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bgħat lis-Sinjura Shannon tal-BAVA issa stess u infurmatu illi x-xogħol għadu mhux lest.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja hu jrid li jitressaq b'metru sabiex il-kamra li għandna fejn qed jitpoġġa l-*mechanical sweeper* ikun jista joqgħod anke ir-robot. |
| **60.2.2.19** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq pagna 11 artiklu 59.8.1.2 fejn staqsa jekk ir-rapport rigward il-kenniesa kif ukoll il-kuntratt tal-parks and gardens hux qed isir ta' kuljum.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ta' permess lil Projects Manager sabiex jirrispondi għal din id-domanda.<br><br>Il-Projects Manager is-Sur Silvio Farrugia qal illi bħal ma jafu l-Kunsilliera, min naħa tiegħu ilu joħroġ ħafna default notices u min Awwissu l-kuntratt spiċċalu u bħalissa qed jaħdem fuq estenzjoni tal-kuntratt. |

| | |
|---|---|
| **60.2.2.20** | Is-Sur Farrugia qal illi fil-kuntratt hemm klawsola li tgħid li hu obbligat li jkompli bl-estensjoni kif inhu u hu qal li l-parir li jgħati hu li dan jitwaqqaf jinħadem bi bniedem ieħor b'emerġenza sakemm ma jibda l-kuntrattur il-ġdid.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu jaf li hemm il-ħaddiem tal-komunita is-Sur Keith Pavia li qed jgħamel xogħol tajjeb ħafna kif ukoll ġie ikkuntattjat mill-GWU fejn infurmawh illi jekk iridu jista jintbgħat ħaddiem ieħor sabiex ikun jista jgħin lis-Sur Pavia fix-xogħolijiet li hemm bzonn.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk ma jistgħax jgħinu xi ħadd mill-ħaddiema li diġa għandna.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm tlett ħaddiema minnhom li ma tantx jistgħu jgħamlu xogħol għaliex għandhom xi kundizzjonijiet tas-saħħa.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi irridu nifhmu li dan il-ħaddiem hekk ser jibqa magħna anke wara li jintgħazel il-kuntrattur il-ġdid li ser ikollu l-ħaddiema tiegħu.<br><br>Il-Projects Manager is-Sur Silvio Farrugia qal illi l-unika problema hi li is-Sur Pavia ma jizborx palm u sigar, pero qal li min naħa tiegħu ma jħossx li l-Kunsill għandu jibqa juza is-servizz tal-Kuntrattur prezenti.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel perfettament mal-Contracts Manager u għalih dan il-kuntrattur ilna li waqqafnih milli jgħati servizz.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jħoss li l-ħaddiem min naħa tal-GWU hu idea tajba anke għaliex kif dejjem jgħid dan mhux ser ikun qed jitħallas mill-Kunsill ħlief għal *performance bonus* li ngħatu darba f'sena.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ħaddiem is-Sur Keith Pavia huwa bniedem motivat u jaħdem ħafna pero għandu bzonn lil xi ħadd miegħu sabiex jgħinu kif jizbor is-siġar u jgħinu jnaddaf.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li kienet ila sena u nofs tgħid sabiex tizdid il-ħamrija u tittranġa l-kurduna għal palm ta' San Tumas. Il-Viċi Sindku qalet li kienet ilha tgħid li hemm bzonn jieħdu ħsiebom sakemm issa mietu kollha. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li l-kuntrattur missu ilu li waqaf pero dan qatt ma sar.<br><br>Kien hemm qbil li jitwaqqaf l-kuntrattur mis-servizz ta estensjoni u minflok nibdew naħdmu bil-ħaddiem is-Sur Keith Pavia bl-għajnuna ta' ħaddiem ieħor assenjat miegħu. |
| **60.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **60.3.1** | **<u>SPI/SCI/06/2024 Tneddija mill-ġdid tal-community inclusive employment scheme (CIES) (35/0675/24/I):</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi minkejja l-impjegata li daħlet taħt l-iskema tac-CIES issa daħlet bħala impjegata xorta waħda tgħodd u apparti min hekk ma hawnx post għal aktar impjegati fil-mument. |
| **60.3.2** | **<u>Transport San Girgor (35/0681/24/I):</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mar-Regjun u ser ituna €100 bħas sena l-oħra sabiex ikollna vann li jista jwassal lir-residenti interessati fit-3 t'April għal festa ta' San Girgor. |

**60.3.3** **Laqgħa annwali ġenerali (35/0690/24/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsilliera li l-amministrazzjoni qed tistenna rapport dettaljat tax-xogħolijiet li saru min naħa tagħhom sabiex ikun jista jippreżenta fil-laqgħa annwali li jmiss li ser issir fix-xahar ta' April 2024.

Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali issir fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill li ser issir it-Tnejn 8 t'April 2024 fil-5:30pm.

**60.3.4** **Management Traffic System (35/0669/24/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tkellmet mall-Perit u kellu jtiha data sabiex tiltaqa miegħu biex isir survey ħolistiku kif suppost. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm bżonn issir u ma nistgħux noqgħodu nibzaw mir-reazzjoni tan-nies għaliex irid isir li hemm bżonn għal lokal.

**60.3.5** **Case No OMB-23-3432 Ms Mary Anne Wollard:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-kaz fl-aħħar leħaq deċiżjoni u jidher li l-ispejjez ser jitħallsu min naħa tal-WSC.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq ikun jaf meta ser titlesta l-bidni għaliex hemm ħafna nies jgħixu hemm u dan l-aħħar kien hemm kaz li persuna li sofriet b'attak tal-qalb spiċċat tilfet ħajjita għaliex l-ambulanza ma setgħatx tidħol fit-triq minħabba ix-xogħolijiet li qed isiru.

**60.3.6** **Skema SPI/SCI/05/2024 Skema għall attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024/2025:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi trid tittieħed deċiżjoni finali fuq il-budget li ser nipprezentaw għal villaġġ natalizju ta din is-sena.

Kien hemm diskussjoni fuq l-ammonti fil-budget sakemm intlaħaq arranġament li ser jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**60.3.7** **l-Assistent Principal is-Sinjura Rebecca Micallef ser terġgħu titla għal full timer:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill Kunsill illi s-Sinjura Micallef ser terġgħu tibda taħdem 40 siegħa fil-ġimgħa minn April 2024 peress illi kienet qed taħdem bir-reduced hours.

**60.3.8** **Laqgħa mall-Iskull Bikers:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mall-iskull bikers flimkien mas-Sur Matthew Mallia tal-għarmar rigward l-avveniment tas-26 ta' Mejju 2024 ħdejn l-eks pixxina Nazzjonali taz-Żonqor.

**60.3.9** **Konferenza l-Belt:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew għal konferenza il-Belt organizzata minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar fejn ġie diskuss is-Social Impact Assessment.

**60.3.10 Laqgha mas-Sur Joe Attard CEO tal-Green MT:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mas-Sur Attard minn Green MT rigward attivita' li ser issir is-Sibt 23 ta` Marzu 2024 taħt il-knisja. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jinġieb vann u jinġabar il-Wee. Dan ser ikun hemm bejn 8.00am u 1:00pm. Apparti hekk sar ftehim biex jibda jsir tbattil darbtejn fil-ġimgħa**.**

**60.3.11 Laqgha ma` parents rigward l-event Easter Egg Hunt.**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret laqgħa mall-ġenituri rigward l-event tal-Easter Egg Hunt fejn inxtraw l-Easter eggs diġa, kif ukoll stickers u rigali huma provduti mingħand l-Avantech.

**60.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jattendi tiġrijiet taz-zwiemel:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud mar għal polza u t-tiġrija l-Marsa organizzata mir-Regjun.

**60.3.13 Jum il-Mara:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informal ill-Kunsill illi attenda l-avveniment ġewwa Villa Franċija fl-okkazzjoni ta` Jum il-mara fejn akkumpanjat il-persuna magħzula minn Marsaskala s-Sinjura Isabella Grogan.

**60.3.14 Laqgħa mall-Kumpanija EPIC:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur John Baptist iltaqgħu mall-kumpanija EPIC peress li kellhom ix-xewqa li ssir xi promozzjoni għal xi sitt xhur. Bħas soltu offrejnilhom fuq il-bridge biex ma jieħdux parkeġġi u ma jtellfu il-ħadd. Tlabna Donazzjoni ta` €1500 ghall-sit xhur iġifieri € 8.30 kuljum.

Kien hemm qbil dwar dan.

**60.3.15 Laqgha ma' Graziella Cavlan:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mas-Sinjura Graziella Cavlan fuq Ġnien tal-komunita' u nforma lill Kunsill illi nzergħu xi xtieli.

**60.3.16 Zewġ ziġriet min naħa tar-Reġjun:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi Reġjun Nofsinhar iregalawlna zewg siġriet oħra flimkien ma'plakka u tħawwlu fil-ġnien mill-ġardinar tagħna s-Sur Keith Pavia.

**60.3.17 Laqgħa mall-Ġardinar is-Sinjura Romina Formosa:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mal-Ġardinar is-Sinjura Romina Formosa minn naħa tal-Project green fejn offriet disa siġriet li jarmu ward għall-Ġnien Sant Anna, dawn jisimhom (Tevetia Peruviana). Tkellimna wkoll fuq il-possibilita' li jagħtuna 36 pjanta li jifilħu għal elementi tan-natura biex jitħawwlu fil-konok mall-promenade u fit-triq taħt il-bridge. Tħawwil ser isir 23 ta' Marzu 2024 10.30am.

**60.3.18 Laqgħa Waste reduction awards:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi attenda għall-2024 Malta Waste reduction Awards ġewwa The Xara Lodge.

**60.3.19 Installazjoni tal-Webcam ġewwa San Tumas:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irċieva imejl mingħand l-Onor Ray Abela fejn talab li jinstalla webcam biex jinqara t-temp fuq l-istess arblu li kienet twaħħlet il-camera l-oħra biex nevitaw l-iskart goff.

Dawn il-cameras kienu sponsorjati minnu stess. Huwa qed jitlob biss li jagħmel uzu mill-istess internet u enerġija. Hekk issolvit problema oħra.

Is-Sur Abela kiteb ukoll lil ministru tat-Turizimu fejn fi Triq il-Balljiet fil-Villa area hemm ħafna konok vojta biex jiġu mibdula u staqsa lilna sabiex nimmarkaw fej iridu jitpoġġew.

**60.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

**60.4.1** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**60.5** **Rapporti:**

**60.5.1** **Tender KLM 2023/09 Tender for the cleaning and upkeep of public convenience in the locality of Marsaskala using environmental friendly materials and practices:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-bord tal-aġġudikazzjoni tat-tender li kellna kienu qed jgħazlu li jmorru fi triq kemxejn diffiċli u għalhekk hu kellu jirrikorri għal parir mill-Assistent Director fejn hu ta il-parir li din it-triq ma jgħaddux minnha u informa lill bord però l-membri ma kienux sodisfatti għaliex riedu dan kollu bil-miktub u dan ma kienx ser isir għalhekk ma ntlaħaqx ftehim u għalhekk kellu jaħtar bord ġdid sabiex jiġġudika dan it-tender però jidher li hemm problema teknika li bħalissa qed jipprova jirranġa però jixtieq jitlob lill-Kunsill illi l-bord il-ġdid jaqbel li l-offerta għanda tmur għand l-orħos offerent fejn hu flimkien mall-offerenti kollha huwa technically ,administratevly u financially compliant u għalhekk qed jitlob lill Kunsill approvazzjoni li jintagħżel dan l-offerent.

Kien hemm qbil unanimu.

**60.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**60.7** ***Korrispondenza:***

**60.7.1** ***Quotation for Leasing of photocopier administration (35/3538/23/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi l-photocopier li hemm fl-uffiċju tal-iskrivani fit-tieni sular hemm bżonn li tinbidel u ippreżenta l-kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill.

Kien hemm qbil li tingħazel l-offerta tal-Avantech peress li kienet l-iktar vantaġġjuza.

**60.7.2** ***CAP SP Measure 73.3 Off Farm Productive Investments (rural roads) ( 35/0277/24/I):***

Dan il-punt ġie diskuss f'punt preċedenti.

**60.7.3** ***Malta Aerial Photography Ktieb ta' Jo L Abdilla (35/0227/24/I):***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sur Abdilla ħareġ b'dan il-ktieb li fl-opinjoni tiegħu huwa ta' valur anke għal meta nsifru u nieħdu rigal magħna u qiegħed bi prezz ta' €20 u jekk naqbżu l-ammont ta' għaxra.

Kien hemm qbil li nordnaw għoxrin ktieb.

**60.7.4** ***Proposal for Holostic Approach (35/0451/24/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Periti tal-Kunsill huwa speċjalizzati fit-toroq għalhekk huma qed jisuġerixxu li ngħamlu pjan ħolistiku għaliex qed jaraw li qed ikollna ħafna bżonn ta road humps u one way systems għalhekk qed jisuġerixxu li jsir studju ħolistiku biex issir biċċa xogħol sew.

**60.7.5** ***<u>Proposed Traffic Management Plan (35/0522/24/I):</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Periti tal-Kunsill bgħatu proposta ta Traffic managemenet ta' Triq ix-Xmiel, Triq il-Majjistral u Triq il-Vajrita'.

Il-Kunsill qabel mall-proposta u ser tintbagħat lil TM.

**60.7.6** ***<u>Request for quotation Triq il-Qaliet:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qed jippreżenta 3 kwotazzjonijiet għas-Survey fi Triq il-Qaliet għalkhemm il-Kunsill ma ħax deċiżjoni jekk iridx li dan is-survey isir.

Il-Kunsill qabel li dan is-survey isir min naħa ta Geomatix li kien l-orħos offerent.

**60.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-skeda ta' pagamenti:</u>**

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**60.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**60.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri (157-20/02/24):</u>**

*"Jipproponi sabiex jsiru żewġ road humps fi Triq Sant Anna. Waħda quddiem il-garaxx tas-Shik u l-oħra ftit iktar il-fuq mill-mużew tal-bniet( jew ftit qabel in-naħa ta wara tal-Corner View) u t-tabelli neċessarji."*

Kien hemm qbil li nibgħatu lill Perit tal-Kunsill sabiex napplikaw għal dawn ir-road humps.

**60.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (158-7/3/24):</u>**

*''Jipproponi li kemm jista jkun malajr tittieħed xi mizura sabiex innaqsu is-sewqan aċċessiv fi Triq Sant Antnin. Min ikun ġej mill bypass ta' Ħaz Zabbar jibqa niezel b'veloċita' eċċessiva u qed ikun hemm ħafna inċidenti kif ukoll tkun diffiċli biex jidħlu u joħorġu fil-garaxx.''*

Kien hemm qbil li nsaqsu lil TM sabiex isiru rumble strips qabel il-junction.

**60.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (159-7/3/24):</u>**

"Jipproponi li ħdejn INSPIRE jeħlu tabelli qabel ma wieħed jidħol ġewwa Marsaskala bi *speed limit signs*."

Kien hemm qbil li jsiru speed limit signs skond il-high way code.

60.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (160-7/3/24):</u>**

*"Jipproponi li qabel ma jidħol is-sajf nitolbu lil MTA sabiex is-sellun tal-baħar fi Triq is-Salini taħt ex Sharion Hotel jeħel iktar il-ġewwa u mhux viċin il-moll. Dan peress li ikun hemm min jinzel jgħum ezatt ħdejn il-moll u dan jkun fil-periklu kbir. Madwar 30 metru jkun bizzejed."*

Kien hemm qbil li nkellmu lill Cleansing sabiex is-sellum jitressaq 30 metru lejn il-bajja.

60.9.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (161-7/3/24):</u>**

"Jipproponi li jeħlu tabelli sabiex ma jsirx għawm mall moll. *GĦAWM MHUX PERMESS*. dan minħabba manuvrar ta' dgħajjes viċin il-moll."

Kien hemm qbil dwar dan.

60.9.6 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (162-7/3/24):</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu centre line fi Triq iz-Zonqor min ħdejn Restaurant l-Ispigola lejn l-ex pixxina, dan sabiex jitnaqqsu l-inċidenti. Ta spiss tiġri li jkun hemm min jispiċċa wrong side."*

Kien hemm qbil dwar dan.

60.9.7 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (163-7/3/24):</u>**

"Jipproponi li nagħmlu pressjoni sabiex jittranġa l-aċċess għal baħar in-naħa ta' Zonqor liema aċċess jinsab inbarrat ħabba li kien sofra xi ħsarat bil-maltemp xi ftit snin ilu."

Kien hemm qbil li nistaqsu l-għajnuna tal-public Works.

60.9.8 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (164-7/3/24):</u>**

*"Jipproponi li l-bajda u s-sewda terġa tinzebaħ kif suppost perress li ħafna miz-zebgħa qed tinqala."*

Kien hemm qbil li nistaqsu lill MTA.

60.9.9 **<u>Mozzjoni b'urgenza mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (165-13/3/24):</u>**

*"Jipproponi sabiex wara li reġa kien hemm ir-raba nċident eżatt l-istess post jsiru xi bollards fil-kantuniera biex is-sewwieqa jindunaw li t-triq tidjiq f'din il-parti ta' Triq il-Qaliet kif taqbeż Villa Sant'Anna."*

Kien hemm qbil li jsiru bollards fil-kantuniera.

**60.9.10** **Mozzjoni b'urgenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri (166-13/3/24):**

*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jwaqqaf skema finanzjarja (Transport Fund for Sports Organisations) bħal dawk eżistenti li jkollha l-għan li tgħin għaqdiet sportivi tal-lokalità sabiex jorganizzaw trasport b'xejn għat-tfal, jew bi prezz ridott, meta dawn ikunu qed jirrappreżentaw lil Marsaskala f'kompetizzjonijiet barra mil-lokalità. Din il-miżura għandha (i) tnaqqas l-ispejjeż għall-klabbs sportivi u l-istess flus jintefqu f'inizjattivi aktar siewja, (ii) inħeġġu aktar ġenituri jibatu t-tfal tagħhom f'attivitajiet ekstra-kurrikulari, u (iii) isservi bħala forma ta' car pooling u allura tnaqqas it-traffiku minn u lejn Marsaskala."*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li diġà hawn Kunsilli oħra li jużaw din issistema ta espressjoni ta' interess min suppliers li jaqgħdu ġa lil klabbs jew inkella b'sistema ta' vawċers biex jiġi ssusidjat il-vjaġġ.

Kien hemm qbil li nitkellmu mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuqha.

**60.9.11** **Mozzjoni b'urgenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri (167-13/3/24):**

*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jistieden lil entitajiet ikkonċernati sabiex ikun hemm pjan għaż-żona tax-xatt, partikolarment iż-żona ta' Triq ix-Xatt, Triq is-Salini u Triq il-Qaliet. Pjan bħal dan għandu jiġi żviluppat b'konsultazzjoni mar-residenti u jinvolvi l-kordinament tat-traffiku, żoni pedonali u miżuri li jistgħu jittieħdu biex jiġi indirizzat l-ogħli tallivell tal-baħar."*

Kien hemm qbil li ngħamlu laqgħa mal-entitajiet ikkonċernati u niddiskutu pjan għaz-zona tax-Xatt.

**60.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.20pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 8 t'April 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 8 ta' Marzu 2024.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |